MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 171/2001/1

**Avviz numru 171/2001DM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance Plc, kif surrogata bil- ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Pierre Farrugia u l-istess Pierre Farrugia**

**Vs**

**Alex Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu lill-Qorti:

1 Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-4 t’April

2000 gewwa Haz-Zabbar meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru KAC 247 imhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mall-vettura numru Nru SUB 200 proprjeta ta' Pierre Farrugia u misjuqa minnhu u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;

2 Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-amont ta' mitejn u sittin Lira Maltin u sitta u tletin centezmi (Lm260.36) jew somma ohra verjuri u dawk tal-attur Pierre Farrugia fl-amont ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) jew somma ohra verjuri okkorendo bl-opra ta'periti nominandi;

3 Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (Lm15.00), ta' ittra legali tal-25 ta' Ottubru 2000 u ta' ittra ufficjali ohra ippresentata kontestwalment ma l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alexander Buttigieg fejn eccepixxa illi:

1 Fl-ewwel lok trid issir korrezzjoni fl-isem tal-konvenut stante li huwa jismu Alexander Buttigieg u mhux Alex Buttigieg;

2 Fit-tieni lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-eccipjent kien negligenti jew imprudenti jew naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza li sehh fl-4 t' April 2000. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

3 Fil-fatt kien l-attur Pierre Farrugia li effettivament kien negligenti u traskurat u naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku u ghaldaqstant l-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli ghalih l-istess Pierre Farrugia;

4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tas-socjeta attrici pprezentata fil-5 ta’ Frar 2002;

Rat il-verbal tat-8 ta’ Mejju 2002 fejn il-konvenut qed jiddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabilita’.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda responsabbilta’ oltre l-‘isketch u r-rapport’ tal-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, xehdu s-sewwieqa involuti u Anthony Farrugia missier l-attur, Pierre Farrugia, li kien riekeb fil-vettura mal-attur.

Minn dawn id-deposizzjoni jirrizulta illi l-vettura tal-attur Pierre Farrugia kienet qed tinsaq minn go Triq in-Nevew u dik tal-konvenut minn go Triq il-Kappucini, zewg toroq illi jghatu ghal fetha li minnha wiehed jista’ jaqbad Xghajra Street, li hija t-triq principali.

Ghalhekk kien obbligu taz-zewg sewwieqa illi qabel ma huma johorgu ghal go dil-fetha in kwistjoni, ossia qabel ma jitilqu t-triq li minnha kienu provenjenti, huma kellhom jieqfu biex jesploraw il-fetha li fiha riedu jidhlu, ghal xi traffiku li setgha kien digia’ qieghed hemm.

Mid-deposizzjoni tal-istess attur jirrizulta *ex admissis* illi meta huwa kien ser jitlaq Triq in-Nevew, huwa kien digia’ nduna bl-esistenza tal-vettura tal-konvenut provenjenti minn Triq il-Kappucini, u *ex admissis* ukoll isosstni l-istess attur, illi huwa baqa’ hiereg biex jaqsam it-traettorja maghzula mill-konvenut nonostante illi dan kien digia’ qieghed vicin tieghu. L-attur infatti jistqarr li huwa kien kuntent li jiddependi ghas-success tal-manuvra tieghu fuq il-bon sens u d-diligenza tal-konvenut li kien ser ikollhu

jnaqqas il-velocita' tieghu, jekk mhux anke jieqaf, biex jevita l-iskontru mal-vettura tal-istess attur.

Dan m'huwiex  sewqan ghaaqli.  Min ikun qieghed jizbokka minn go triq laterali ghandhu jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex b'ebda mod ikun ta' ostakolu ghall xi vettura ohra li tista tkun fil-vicinanzi.

Li wiehed jippretendi u jistenna illi tkun il-vettura l-ohra li ghandha taghmel xi manuvra biex ma tolqtux huwa sewqan bla kont, u iktar u iktar tkun enfasizzata din ir-responsabbilita meta jirrizulta illi l-attur kien qieghed isuq van ta' tul ta' (17) sbatax-il pied li ghalhekk jimplika dewmien biex tigi kkompletata l-manuvra oltre li jipprezenta ostakolu ikbar ghat-traffiku li jista' jkun fl-inhawi.

Kull allegazzjoni illi l-konvenut setgha ma kienx attent ghaliex kien qed ihares x'imkien iehor, ma tirrizultax sorretta mill-fatti, ghaliex infatti il-konvenut mahsud, iffrena l-vettura tieghu sa minn (3) tlett metri  qabel l-iskontru.

Inoltre,  l-allegazzjoni tal-attur illi hu kien hareg minn go triq laterali 'on first gear' u pprova jitfa' il-vettura go 'gear' izghar, halli jkollu iktar 'acceleration' ma tiftihemx.  Meta vettura tkun fuq il-'first gear', ma jirrizulta ebda 'gear' iehor li jista' ttejjeb l-accellerazzjoni tal-vettura u ghalhekk jew l-attur ma jafx x'qieghed ghid  jew jirrizulta illi minflok kompla jaccellera biex jevita l-iskontru kien digia' tefa' il-vettura f' 'gear' ulterjuri biex naqqas l-accellerazzjoni.

Ghalhekk dawn ic-cirkostanzi kollha u l-indizji l-ohra, flimkien mal-konfigurazzjoni tat-toroq, iwassal lil din il-Qorti biex issib illi kienet il-manuvra tal-istess attur Pierre Farrugia illi kienet il-kawza principali tal-kollizzjoni in kwistjoni, u ghalhekk isib li kien hu unikament responsabbli ghall-istess  kollizzjoni u ghaldaqstant tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------